24 ta' Jannar, 1955

**Imħallef:**

**Onor Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Maria Bonello *versus* Emmanuele Formosa

## Self — Bżonnijiet tad-Dar — Mandat — Mara — Art. 1014 u 1015 tal-Kap. 23

*Bħala regola, il-liġi tiċħad il-kapaċità tal-mara miżżewġa li tikkuntratta f'dawk l-atti li hija tagħmel f'isimha u fl-interess tagħha, jew f'isem ir-raġel, meta ma tkunx ħadet il-kunsens għal hekk minn għandu.*

*Dan il-kunsens hu preżunt minn natura stess ta' l-obligazzjonijiet li tassumi l-mara, meta l-istess ikunu manifestament tant vantaġġużi li għandhom jiġu ritenuti kuntratti għall-vantaġġ tal-familja, bħal ma huma l-bżonnijiet tad-dar soliti u ta' kuljum; b'mod illi, meta mara miżżewġa li tgħix mar-raġel tagħha tikkuntratta xi*

*obligazzjoni li hi manifestament vantaġġuża għall-familja, obligazzjoni simili għandha tiġi ritenuta bħala kuntrattata bil-kunsens taċitu tar-raġel; u l-mara miżżewġa, meta hekk tikkuntratta, tobbliga mhux lilha nnifisha, iżda lir-raġel tagħha.*

*Fil-prattika jiġri spiss illi xi rġiel jikkonsenjaw il-qliegħ tagħhom lill-mara tagħhom li tkun tgawdi l-fiduċja tagħhom, u jiddelegawlha l-amministrazzjoni domestika; u f'dawn il-każijiet l-obligazzjoni li tikkuntratta l-mara torbot lir-raġel, meta dan ma jkunx iddiffida lit-terzi li jkunu kkuntrattaw mal-mara u t-terzi jkunu kkuntrattaw mal-mara in bwona fede.*

*Din il-preżunzjoni tal-kunsens taċitu tar-raġel hija "juris tantum"; u hija eskluża meta huwa ma jkunx ta kunsens lill-martu biex tissellef flus u kien jagħtiha regolarment il-flus biex tħallas.*

*Il-mandat taċitu tar-raġel fil-konfront tat-terzi hu preżunt, u hija tista' tixtri l-ħwejjeġ ta' neċessità, mingħajr ma jinkombi lill-bejjiegħ li jindaga jekk ir-raġel forniex jew le lill-martu l-flus meħtieġa biex tixtri; imma tibqa' r-responsabbiltà tat-terzi jekk kienu jafu, jew kien imissħom miċ-ċirkustanzi jippreżumu, li l-mara realment kellha flus mingħand żewġha biex tixtri xi oġġetti, u hija kkonvertiet dawk il-flus f'użu ieħor.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi hija silfet f'diversi okkażjonijiet lill-mart il-konvenut għall-bżonnijiet tal-familja, matul perijodu twil, is-somom ta' flus indikati fl-anness prospett markat dok. A, ammontanti għas-somma ta' £330, liema somom kellhom jiġu restitwiti b'rati ta' £1 fil-ġimgħa; kif ukoll, għall-istess bżonnijiet tal-familja, is-somma ta' £12.10.0 fis-6 ta' Mejju, 1953, liema somma kellha tiġi restitwita bil-10s. fil-ġimgħa; u illi hija mill-ewwel somma ġiet imħallsa biss is-somma ta' £31, kif jidher mill-prospett hawn unit markat dok. B. u għalhekk għar-rigward ta' din is-somma għandha tieħu sal-lum is-somma ta' £122, ċjoe' il-mija u tlieta u ħamsin rata ta' lira l-waħda li skadew mis-16 ta' Novembru, 1951, meta sar l-ewwel pagament, sal-15 ta' Ottubru, 1954, wara li tnaqqas is-somma ta' £31 ġa mħallsa kif fuq ingħad; u illi għar-rigward tat-tieni somma ta' £12.10.0, fuq imsemmija hija tħallset biss żewġ rati ta' 10s. l-waħda fl-14 u fit-22 ta' Mejju, 1953, rispettivament, u għalhekk fadallha tieħu s-

somma ta' £11.10.0; u illi għalhekk, b'kollox, sal-lum, u salv kull dritt tagħha għall-bilanċ, hija għandha tieħu s-somma ta' £133. 10. 0., liema somma l-konvenut, għalkemm interpellat b'ittra uffiċjali preżentata fit-18 ta' Settembru, 1994, għadu ma ħallasx; titlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provedimenti kollha opportuni, u previa d-dikjarazzjoni illi għar-restituzzjoni tas-somom fuq imsemmija, li servew għall-bżonnijiet tal-familja, huwa responsabbli l-konvenut in forza tal-mandat taċitu u għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi, il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jħallasha s-somma ta' **£133**.10.0 dovuta lilha sal-lum kif fuq ingħad b'titolu ta' restituzzjoni ta' self għall-bżonnijiet tal-familja; salv kull dritt tagħha għall-bilanċ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tat-13 ta' Ottubru, 1954, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali preżentata fit-18 ta' Settembru, **1954**. Il-konvenut ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi (1) illi huwa qatt ma ta lill-martu ebda awtorizzazzjoni biex tissellef flus, u (2) illi huwa dejjem ta lill-martu flus biżżejjed għall-bżonnijiet tal-ħajja. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi tippretendi illi l-konvenut hu responsabbli għar-restituzzjoni ta' xi flus li hija silfet lill-martu, u dan in forza tal-mandat taċitu tiegħu u għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi. Il-konvenut jallega illi [illegible] isselfet martu, din isselfitu mingħajr il-kunsens tiegħu [illegible] huwa dejjem ta lill-martu flus biżżejjed għall-bżonnijiet tal-ħajja;

Illi, bħala regola, il-liġi tiċħad il-kapaċità tal-mara miżżewġa li tikkuntratta f'dawk l-atti li hija tagħmel f'isimha u fl-interess tagħha, jew f'isem żewġha, meta ma tkunx ħadet il-kunsens għal hekk minn għandu (art. 1014 Kap. 23). Għal dan hemm eċċezzjonijiet meta l-kunsens tar-raġel hu preżunt minn natura stess ta' l-obligazzjonijiet li tassum martu, jiġifieri meta l-istess ikunu manifestament tant vantaġġużi illi għandhom jiġu ritenuti kontratti għall-vantaġġ

tal-familja, bħal ma huma l-konvenzjonijiet għall-bżonnijiet tad-dar, soliti u ta' kuljum (art. 1015 Kap. 23); b'mod illi, meta mara miżżewġa li tgħix mar-raġel tagħha tikkuntratta xi obligazzjoni li hi manifestament vantaġġuża għall-familja, obligazzjoni bħal din għandha tiġi ritenuta bħala kuntrattata bil-kunsens taċitu tar-raġel, u l-mara miżżewġa, meta hekk tikkuntratta, tobliga mhux lilha nnfisha, iżda lir-raġel tagħha (Vol. XXX-I-491);

Fil-każ taħt konsiderazzjoni, il-biċċa l-kbira mill-oġġetti li Maria Formosa, il-mara tal-konvenut, xtrat bil-flus li sselfet mingħand l-attriċi, għalkemm huma oġġetti ta' vantaġġ għall-familja, mhumiex minn dawk li jistgħu jissejħu "bżonnijiet tad-dar, soliti u ta' kuljum". Jista' jkun veru illi Maria Formosa lill-attriċi, kif xehdet dina, kienet tgħidilha illi dawk il-flus kienet qegħdha tissellifhom minn għandha għal-manteniment; imma l-attriċi kien messha tkun taf, anzi kienet effettivament taf, illi dawk il-flus Maria Formosa ma kienetx qegħdha teħodhom la għall-manteniment u lanqas bil-kunsens ta' żewġha. Mhux għall-manteniment, għaliex Maria Formosa ma setgħetx kellha bżonn, għal familja ta' ħamsa minn nies, ta' £60 fi żmien sbatax-il ġurnata, u mbagħad medja ta' xi £25 fix-xahar, kif l-attriċi tippretendi li silfitha (fol. 4), speċjalment meta l-istess attriċi kienet taf illi l-konvenut kien qiegħed jagħti s-salarju tiegħu flimkien ma' £2 barranin fil-ġimgħa lill-martu (fol. 16 tergo). Mhux bil-kunsens tal-konvenut, għaliex l-attriċi xehdet ukoll illi Maria Formosa kienet tgħidilha biex imgħax teħdilha kemm trid, imma, meta tmur għandha għal flus u jkun hemm żewġha, il-konvenut, lil dan tgħidlu illi tkun marret hemm għal xi ħobża, kif effettivament għamlet, kif ukoll illi hija, l-attriċi, kienet twissi lit-tfal tal-konvenut biex lil dan ma jgħidulux bis-self li kienet tagħmel ommhom, għaliex jekk ikun jaf kien joqtolha (fol. 16);

Illi hu veru illi fil-prattika jiġri spiss illi xi rġiel jikkonsenjaw il-qliegħ lill-mara tagħhom, li tkun tgawdi l-fiduċja tagħhom, u jiddelegawlha l-amministrazzjoni domestika; u f'dan il-każ tkun inġustizzja li jingħata tort lil min jikkuntratta ma' dawn in-nisa, li bil-bwona fede kollha jakkordaw kreditu lill-mara miżżewġa, meta hu konoxxut illi r-raġel

hu l-mandant taċitu tagħha, u meta dana ma jkunx id-diffidahom (Vol. XXVI-I-340). Imma, bħal ma ntqal, fil-każ taħt konsiderazzjoni ma jidherx illi l-attriċi kienet in bwona fede meta hija tat kreditu lil Maria Formosa, u hu ċert illi l-konvenut ma kienx il-mandant taċitu ta' martu. Huwa lanqas ma seta' jiddiffida lill-attriċi, għaliex ma kienx jaf bis-self li ġa ssemma;

Illi l-preżunzjoni tal-kunsens tar-raġel, ġa msemmija, mhix ħliet "juris tantum"; u fil-każ taħt konsiderazzjoni din il-preżunzjoni tiġi eskluża, mhux biss għaliex jirriżulta illi l-konvenut qatt ma ta permess lill-martu biex tissellef xi flus, imma wkoll għaliex huwa kien jagħtiha regolarment is-salarju li kien jaqla', £4. 10s. 0d. fil-ġimgħa, u kien jagħtiha aktar meta kienet titolbu. "The presumption of authority may also be rebutted by proof that the wife was sufficiently provided with necessaries or with adequate allowance for the purpose of purchasing them; and if by arrangement with her husband the wife is allowed a definite sum for household expenses, the presumption of authority is rebutted, whether the allowance is adequate or not; because in such cases they must be taken to have agreed that she should not pledge his credit beyond the amount of the allowance, though he did not in definite terms prohibit her from doing so" (Halsbury, Laws of England, Vol. XVI, no. 857, page 422);

Huwa wkoll minnu illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti (Vol. XXI-II-364), fil-konfront tat-terzi l-mandat tar-raġel lill-martu li tixtri l-ħwejjeġ ta' neċessità hu preżunt, u ma *jinkombix lill-bejjiegħ illi jindaga jekk ir-raġel forniex jew le* l-flus meħtieġa għal dak ix-xiri; imma, apparti illi fil-każ taħt konsiderazzjoni ma jittrattax minn bejgħ ta' oġġetti ta' neċessità għall-familja, imma biss minn somministrazzjoni ta' flus b'self, dik is-sentenza kompliet tgħid:—"Salva r-responsabbiltà tat-terzi, jekk ikunu jafu, jew kien messhom miċ-ċirkustanzi jippreżumu, illi l-mara realment kellha l-flus minn għand żewġha biex tixtri ċertu oġġett, u hija kkonvertiet il-flus f'użu ieħor". U f'dan il-każ jirriżulta *illi l-attriċi kienet taf illi l-flus li Maria Formosa kienet* qegħdha tieħu b'self minn għandha ma kienx jaf bihom

żewġha, il-konvenut; u għalhekk dana mhux responsabbli di fronti għall-attriċi;

Illi b'dan il-mod il-pretensjoni tal-attriċi, miġjuba in bażi tal-premessa msemmija fiċ-ċitazzjoni, mhijiex sostenibbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi għall-esklużjoni tat-talba tal-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.